

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-3 ta' Lulju 2018 – Keramag Keramische Werke et vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-379/10 RENV u T-381/10 RENV) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Franċiż tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Parteċipazzjoni fl-akkordju ta’ ċerti entitajiet — Evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi”)

(2018/C 294/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### **Partijiet**

Rikorrenti fil-Kawża T-379/10 RENV: Keramag Keramische Werke GmbH, li kienet Keramag Keramische Werke AG (Ratingen, il-Ġermanja) u l-ħames rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-anness għas-sentenza. Rikorrenti fil-Kawża T-381/10 RENV: Sanitec Europe Oy (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentanti: P. Lindfelt, K. Struckmann, avukati, u J. Killick, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, F. Ronkes Agerbeek u J. Norris-Usher, aġenti)

### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 final tat-23 ta' Ġunju 2010 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39092 – Installazzjonijiet sanitarji għal kmamar tal-banju), u, min-naħħa l-oħra, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorenti f'dik id-deċiżjoni.

### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
  
  
  
  
  
  
  
  
- 2) Keramag Keramische Werke GmbH u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża C-613/13 P, T-379/10 RENV u T-381/10 RENV.

<sup>(1)</sup> ġu C 301, 6.11.2010.